MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1734/1997/1

**Anthony Psaila**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-25 ta' Lulju 1997 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur applika ghall-hrug ta' permess ta' *air pistol* A6431814 minghand sid ta' hanut minn Santa Venera;

Premess illi b' ittra mibghuta lilu fit-22 ta' Marzu 1997 it-talba ta' l-attur kienet giet michuda minghajr raguni valida;

Premess illi l-attur ma jistax jifhem ghaliex it-talba tieghu giet michuda stante li kif jirrizulta mill-kondotta tieghu, il-fedina penali tieghu hija wahda tajba salv ghall-kontravenzjoni li saret fit-18 ta’ Novembru 1982;

Premess illi l-konvenut mhux qed juza d-diskrezzjoni tieghu b’ mod ragonevoli u r-rifjut tieghu huwa *ultra vires*;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li meta l-konvenut uza d-diskrezzjoni tieghu biex irrifjuta lill-attur permess ta’ *air pistol*, uza d-diskrezzjoni tieghu b’ mod irragjonevoli u ghalhekk *ultra vires*;

2. Tordna lill-konvenut johrog il-permess relattiv;

Bl-ispejjez inkluzi l-ispejjez tal-protest gudizzjarju;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija pprezentata fil-11 ta’ Mejju 1998 li permezz taghha huwa eccepixxa:

1. Illi t-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent ezercita d-diskrezzjoni tieghu *intra vires* u fil-parametri rikjesti mil-ligi, senjatament l-Artikolu 10 (2) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi fil-mansjonijiet tieghu taht l-Ordinanza dwar l-Armi l-eccipjent huwa obbligat jizgura li licenzja tigi michuda lil kwalunkwe persuna meta jkun hemm ragunijiet ta’ sigurta` pubblika jew personali;

3. Illi tenut kont tal-fedina penali ta’ l-attur (li kuntrarjament ghal dak li qed jallega ma ssemmix biss

kontravenzjoni ta’ l-1982) l-eccipjent uza d-diskrezzjoni tieghu skond il-ligi biex ihares is-sigurta` pubblika;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jaghtix lill-qorti gurisdizzjoni li tezercita hi l-funzjonijiet amministrattivi ta’ l-eccipjent. Dan l-artikolu jaghti biss is-setgha lill-qorti li tiddikjara l-ghemil amministrattiv (bhal kaz odjern *id est* rifjut ta’ ghoti ta’ licenzja) null, invalidu u minghajr effett. Il-qorti ma tistax tordna dak li qed jintalab mill-attur ghaliex il-funzjoni taghha mhix ta’ appell minn decizjonijiet amministrattivi/esekuttivi, izda wahda ta’ stharrig (*review*) li tista’ twassal biss, jekk ikun il-kaz, ghall-dikjarazzjoni ta’ invalidita` ta’ l-ezercizzju tad-diskrezzjoni amministrattiva;

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti man-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat id-digriet tad-9 ta’ Frar 2001 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Rat in-noti pprezentati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

L-ilment ta’ l-attur jikkonsisti minn talba dikjaratorja tendenti biex tistabilixxi illi l-konvenut uza d-diskrezzjoni tieghu, bir-rifjut ta’ l-applikazzjoni ghall-hrug ta’ permess ghal *air pistol*, b’ mod irragjonevoli u *ultra vires*;

Il-konvenut wiegeb li d-diskrezzjoni tieghu giet sew ezercitata u *intra vires* bazata fuq ir-raguni u l-konsiderazzjoni tal-fedina penali ta' l-attur. Jissottometti illi tali diskrezzjoni hi akkordata lilu mil-ligi, senjatament l-Ordinanza dwar l-Armi (Kapitolu 66);

B' mod partikolari l-konvenut jirreferi ghall-Artikolu 10 (2) tal-precitat Kapitolu tal-ligijiet li jghid "li l-licenzja taht l-Artikoli 3 (riferibilment ghal-licenzja sabiex wiehed izomm jew igib fuqu armi tan-nar u munizzjon) u 4 (riferibilment ghal-licenzja sabiex wiehed jista' jittraffika f' armi regolari) tista' tigi michuda lil kull persuna ghal ragunijiet ta' sigurta` pubblika jew personali ...";

Huwa indiskuss, anke ghaliex dan jinsab inkluz fid-definizzjoni tal-ligi msemmija (Artikolu 2), illi "*air pistol*" ("pistola tar-rih" fit-test bil-Malti) tikkwalifika bhala "arma tan-nar";

Fl-Affidavit tieghu (fol. 18) l-attur jadduci dawn l-ispjegazzjonijiet in sostenn tat-tezi tieghu:

I. L-applikazzjoni tieghu ghall-otteniment ta' licenzja ma tirrigwardax armi proprja;

II. Il-fedina penali tieghu kienet netta, kif manifest mic-certfikat ta' kondotta esebit minnu. F' dan il-kuntest jghid li l-incident li fih kien implikat, u li kien jinvolvi arma tan-nar, sehh meta kien ghadu "tifel";

III. "*Air pistol*" ma ggib maghha ebda perikolu, u dippju, l-awtoritajiet huma laxki hafna fejn tikkoncerna arma bhal din fir-rigward tal-hrug ta' licenzja;

In kwantu jikkoncerna l-ewwel osservazzjoni t-twegiba ghaliha nsibuha fit-tifsira tal-ligi nnifisha, kif aktar 'il fuq riferit;

Dwar it-tieni, kuntrarjament ghal dak ritenut, il-fedina penali ta' l-attur ma tidher li hi xejn immakolata. Dan kif evidenzjat mid-dokument rapprezentanti l-*conviction sheet* ta' l-attur (fol. 11 sa fol. 13). Kif, imbaghad, gustament osservat mill-Ispettur Mario Spiteri fl-Affidavit tieghu (fol. 22) fl-incident fatali ta' l-4 ta' Gunju 1975, ghal liema l-attur instab hati b' sentenza tat-13 ta' Novembru 1975, l-attur ma kienx semplici "tifel" izda guvni ta' 23 sena;

Kwantu ghat-tielet osservazzjoni dedotta wiehed ma ghandux ghalfejn jiddubita minn dak precizat mill-ahhar imsemmi xhud illi gjaladarba *air pistol* hu konsiderat bhala arma tan-nar l-applikazzjoni u l-ipprocessar dwarha tinghata l-istess attenzjoni bhal fil-kaz ta' xort' ohra ta' armi tan-nar;

Dan premess, f' dan il-kaz insorgiet ukoll il-kwistjoni jekk l-attur giex moghti raguni ghar-rifjut tal-hrug tal-licenzja. Fuq dan il-punt tezisti diskordanza ta' veduti. Hekk filwaqt li l-Ispettur Mario Spiteri f' Affidavit iehor tieghu (fol. 44) jinsisti illi l-attur inghata raguni mill-Ufficcju ta' l-Armi bi twegiba ghall-ittra tal-konsulent legali tieghu tal-11 ta' April 1997 u li hu stess kien offra spjega direttament lill-attur meta dan acceda ghandu fl-ufficcju tieghu fil-Kwartieri tal-Pulizija, minn naha tieghu l-attur dan jizmentih. Ara xiehda tieghu a fol. 49;

Fuq dan il-punt din il-Qorti hi konvinta minn ezami ta' l-atti processwali, anke jekk l-ittra tal-11 ta' April 1997 u r-risposta ghaliha li allegatament intbaghtet fil-21 ta' Gunju 1997 ma gewx esebiti, illi verament l-attur inghata raguni il-ghala l-applikazzjoni tieghu kienet giet rifjutata;

Ibda biex jigi notat illi fl-Affidavit principali tieghu l-attur, filwaqt li semma li hu kien inkariga lill-Avukat ta' fiducja tieghu biex jikteb lill-awtorita` koncernata, imkien ma allega illi ma nghatax twegiba jew raguni ghal din il-missiva;

Jidher evidenti imbaghad illi l-attur kien jaf li r-raguni tar-rifjut kien jikkoncerna l-passat kriminuz tieghu tant li hu stess ikkontrappona b' difiza tieghu l-fatt li l-fedina penali tieghu kienet wahda netta;

Stabbilita l-kwestjoni li l-partijiet qeghdin jikkontendu dwarha jinghad qabel xejn illi ma jidherx li hu disputat illi l-konvenut hu l-awtorita` vestita mil-ligi bil-fakolta u s-setgha li jikkonsidra applikazzjonijiet bhal dik meritu tal-kawza, u li kien hu li kellu jiddeciedi jekk applikazzjoni ghall-hrug ta' licenzja tigix, jew le, approvata;

Dan premess, bl-azzjoni tieghu l-attur issa qed jinvita lil din il-Qorti biex tisthareg jekk din l-istess fakolta` u setgha gewx ezercitati sew fil-kaz tieghu mill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija;

Huwa accettat, u dan tista' tghid b' mod pacifiku, illi ma hemm xejn x' jimpedixxi d-dritt ta' kull cittadin li jimpunja fil-Qorti l-attijiet kollha ta' Ezekuttiv. Kif drabi ohra ritenut, "l-attijiet kollha ta' l-Ezekuttiv, bhal dawk tal-privat, ma jistghux ikunu kontra l-ligi, ghax il-ligi ma tawtorizzax l-illegalitajiet" ("**Victor Henry Tabone *nomine* –vs- Dr. Vincent Tabone *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Gunju 1970);

Illum aktar minn qabel dan huwa hekk il-kaz fir-rigward ta' kull azzjoni amministrattiva billi l-ligi stess, ex-Artikolu 469A, tikkonferixxi dan id-dritt ta' l-istharrig gudizzjarju dwar kull ghemil amministrattiv. "Ghemil amministrattiv" li skond l-istess dispost tal-ligi jinkorpora fih *inter alia* "il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika ...". Indubbjament ghalhekk ir-rifjut ta' licenza ta' arma tan-nar hu "ghemil amministrattiv" jew ezekuttiv;

L-Artikolu 469A imsemmi, introdott bl-Att XXIV ta' l-1995 u applikabbli ghall-procedura odjerna, jinvesti bl-ewwel subinciz tieghu lill-qrati ordinarji ta' kompetenza civili bil-

gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita` ta' l-ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett;

Dan it-trattament akkordat mil-ligi lil qrati jiddipartixxi certament minn dik il-gurisprudenza, ormai destitwita minn kull logika, li kienet tirritjeni li l-funzjoni tal-Qrati kienet limitata ghall-indagini dwar jekk l-ghemil kienx jirrientra fl-attribuzzjonijiet ta' l-awtorita` izda mhux ukoll li jezaminaw "*l' opportunita` o la giustizia di esso*". Ara decizjoni fl-ismijiet "**Marchese Giuseppe Mallia Tabone –vs- Maggiore Frank Stivala *nomine***", Appell Civili, 11 ta' Jannar 1926, li kienet titratta minn nuqqas ta' renova ta' licenza lill-attur ghall-garr ta' arma tan-nar ghall-iskop ta' kacca. Huwa ovvju minn din is-sentenza illi l-kuncett ta' "*reasonableness*" kif zviluppat fir-Renju Unit jew dak ta' "*detournement de pouvoir*" fid-dritt Franciz bhala mezz ta' kontroll fuq l-ezercizzju arbitrali tad-diskrezzjoni ma kienx konoxxut mill-Qorti;

Riportat dak preskritt mil-ligi fl-Artikolu 469A ghal kaz taghna jidher qabel xejn illi l-qofol tal-vertenza hu dak li jinghad fil-Kapitolu 66;

Kif gja aktar 'il fuq spjegat l-Artikolu 10 (2) jakkorda lill-Kummissarju tal-Pulizija l-poteri li jichad licenza ghal ragunijiet ta' sigurta` pubblika jew personali. Ma jistax jinghad ghalhekk illi fil-kaz prezenti l-"ghemil amministrattiv" ezercitat mill-persuna awtorizzata mil-ligi biex twettqu hu kontra l-ligi;

Din il-Qorti lanqas ma tara illi fuq il-konsiderazzjoni tal-provi processwali l-ghemil jista' jigi kwalifikat bhala irragjonevoli, jew addirittura "abbuz tas-setgha ta' l-awtorita` pubblika", meta huwa aktar minn ovvju illi d-decizjoni mehuda kienet ir-rizultat ta' l-apprezzament, f' dan il-kaz attendibbli hafna, tal-fedina penali ta' l-attur, li bl-oppost ta' dak ritenut minnu fil-korp tac-citazzjoni, ma kienetx tikkonsisti f' semplici kontravvenzjoni. Il-gudizzju tal-konvenut kien fic-cirkostanzi wiehed korrett, tenut maggorment qies tal-fatt illi l-licenza mitluba kienet ghall-arma tan-nar li, ghalkemm distinta, fl-imghoddi kienet il-

mezz li dwarha l-attur gie imputat u instab hati ta' reat serju u gravi;

Premess dan li ntqal fuq din il-Qorti ma tistax issib f' dan il-kaz partikulari illi l-konvenut ezercita d-diskrezzjoni tieghu b' mod irragjonevoli jew *ultra* vires, kif hekk pretiz mill-attur fl-ewwel talba tieghu;

F' kull kaz, imbaghad, din il-Qorti lanqas kieku sabet raguni f' dak allegat mill-attur ma tista' tintrattjeni t-tieni talba tieghu. Dan ghaliex, kif ormai hu pacifiku, "il-Qrati fil-funzjoni taghhom ta' *judicial review* ta' l-operat ta' l-Ezekuttiv ghandhom iva d-dritt li jiddeciedu li att partikolari ta' l-Ezekuttiv ikun null u bla effett izda m' ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni rizervata lill-Ezekuttiv b' dik taghhom" – "**Mary Grech –vs- Ministru tax-Xoghlijiet *et***", Appell Civili, 29 ta' Jannar 1993. Tajjeb ghalhekk gie ritenut mill-konvenut fir-raba' eccezzjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi bl-akkoljiment ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tirrigetta t-talbiet attrici. L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jitbatew mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------